**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE INFERJURI)**

**ONOR.IMHALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

Seduta tad-29 ta' Novembru 2018

Appell numru 591/2012

Appell numru 600/2012

Il-Pulizija

Vs

Joseph Magro

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant/appellat Joseph Magro, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 176556(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-19 ta' Mejju 2001, f'xi hin wara nofsinhar, fil-fond 11, Triq Lourdes, Qrendi:

**1. Bi vjolenza kkometta stupru fuq A ta' nazzjonalita` Taljana.**

**2. Bla ordni skond il-ligi ta'l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija A kontra l-volonta` taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li tofffendi l-misthija tas-sess taghha;**

**3. Bi vjolenza kkometta attentat vjolenti ghal pudur fuq A.**

**Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 09/10/2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Dicembru 2012, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-addebitu ta' recidiva rizultanti min-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali, wara li rat l-artikoli 198, 201(b) u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu, b'dan illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ma irrizultax l-aggravju kontemplat fl-artikolu 202 tal-Kap.9, u ikkundannatu ghal perijodu ta' hames snin prigunerija. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap.9, ordnat lill-imputat biex fi zmien sena ihallas s-somma ta' €3973.52 rapprezentanti spejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-esperti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant/appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Joseph Magro ipprezentat fl-20 ta' Dicembru 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-addebitu tar-recidivia u tikkancellaha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie misjub hati tal-ewwel u it-tielet imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minnhom;
2. il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u fejn l-imputat gie ikkundannat ihallas l-ispejjez u minflok taghti piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi minghajr il-hlas tal-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-esperti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali ipprezentat fit-28 ta' Dicembru 2012, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-ewwel u it-tielet imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, fejn sabitu mhux hati tat-tieni imputazzjoni u kif ukoll tal-aggravju fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u thassarha f'dik il-parti fejn erogat il-piena u minflok tinfliggi l-piena komplessiva skont il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant/appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi filwaqt illi l-uniku lanjanza ventilata mill-Avukat Generali diretta lejn is-sentenza appellata tikkoncerna l-piena inflitta billi dehrlu illi l-Ewwel Qorti malament astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-addebitu tar-recidiva , l-imputat

Joseph Magro iressaq diversi aggravji b'dak ewlieni jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet fejn huwa gie misjub hati. Subordinatament ghal dan jilmenta ukoll illi l-piena erogata kienet wahda eccessiva. Illi l-Qorti jidrilha illi qabel xejn ghandha tikkonsidra l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u jekk l-istess kienx wiehed kemm legalment kif ukoll fattwalment validu[1].

Illi jibda biex jinghad illi l-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni ta' dritt erudit fir-rigward tar-reat ewlieni li bih l-appellant jinsab akkuzat u cioe' dak tal-istupru, specjalment fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz fejn l-att sesswali inkriminatorju allegatament sehh meta l-vittma kienet ikkunsmat l-alkohol.

Illi fl-ewwel lok ir-reat tal-istupru jikkonfigura meta l-awtur tar-reat:

> **"bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor". ....**
>
> **Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta' stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat: " The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts" ( vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194) Ir-reat ta' stupru jissussisti : " upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient" (Ibid). Kif gie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. Ommissis, deciza fl-4 ta' Settembru 2003: "Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li**

[1] Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :- "Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din ilQorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni w dak lapprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li listess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta." Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l- imputazzjonijiet li dwarhom sabet htija fil-konfront tal-appellant

**jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti reat.[2]"**

Dan il-kongungiment karnali irid necessarjment isir minghajr il-kunsens tal-vittma. Illi l-artikolu 201(b) johloq presunzjoni legali fis-sens illi dan il-kunsens ghandu jitqies li qed jigi michud meta "l-**persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista'tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom.**"

Issa l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ticcita il-Blackstone li jaghmel distinzjoni bejn dawk ic-cirkostanzi fejn il-konsum tal-alkohol jirrendi lill-vittma mentalment inkapaci totalment jew parzjalment u ukoll fejn tali konsum ma jimpingiex fuq il-kapacitajiet mentali tal-vittma.

Illi ghalkemm il-ligi taghna tiddisponi illi jkun hemm il-presunzjoni tal-vjolenza kull meta il-vittma tkun fizikament jew mentalment inkapaci, madanakollu ma issir l-ebda distinzjoni mill-legislatur dwar jekk dik l-infermita' mentali ghandhiex tkun dovuta ghall-azzjoni volontarja tal-vittma jew inkella tal-aggressur taghha.

Illi dan il-punt gie dibattitu recentement fl-Italja billi fid-dritt penali taljan l-istat ta' inkapacita' mentali naxxenti mill-konsum tal-akohol fil-kazijiet ta' vjolenza sesswali igib mieghu aggravanti fil-piena[3]. Illi l-Corte di Cassazione sahhqet illi r-reat xortawahda jissussisti (u dan referibbilment ghall-artikolu 609 tal-Codice Penale), ghalkemm jekk l-konsum ikun wiehed volontarju ma tikkonfigurax l-aggravanti.

---

[2] **"Ir-Republika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**" deciza fil-5 ta' Lulju, 2002

[3] Articolo 609 Codice Penale

**“L'elemento che deve essere accertato per affermare la sussistenza di un reato contro la libertà sessuale individuale, è l'assenza di volontà e consenso al momento del compimento degli atti. Qualora dalle circostanze del caso, la persona offesa non poteva dirsi cosciente e, dunque, consenziente, il delitto si configura, a prescindere da come e da chi abbia provocato lo stato di incoscienza della vittima, la quale potrebbe essersi posta in tale condizione, anche volontariamente.**

**La pronuncia si pone dunque in linea con la giurisprudenza ormai pacifica in materia, che intende tutelare al massimo la libertà personale - in cui rientra la sfera sessuale - dell'individuo, colpendo i fatti che aggrediscono la persona, e fornendo un'interpretazione delle disposizioni normative che possa garantire la massima protezione.[4]”**

**“Lo stato d’ebbrezza, ancorché autoindotto, pone la persona offesa in una posizione di svantaggio e di menomazione, tale da non poter esprimere un*<<valido consenso (la capacità) al rapporto sessuale>>*. Per tale motivo, è integrato il reato di violenza sessuale (non aggravato), giacché la vittima verteva in condizioni d’inferiorità tali da essere incapace di autodeterminarsi e, dunque, di acconsentire al rapporto[5]”**

F’decizjoni moghtija mill-Corte di Cassazione f’kaz analogu inghad:

**Integra il reato di violenza sessuale con abuso delle condizioni di inferiorità psichica o fisica (art. 609 bis, comma secondo, n. 1, c.p.) la condotta di chi si congiunga carnalmente con una donna addormentatasi a seguito di ingestione di sostanze alcooliche, essendo l'aggressione alla sfera sessuale della vittima connotata da modalità insidiose e fraudolente[6].**

---

[4] www.diritto.it

[5]- http://www.iurisprudentia.it/stupro-e-alcol-la-cassazione-esclude-laggravante

[6](Cassazione penale, Sez. III, sentenza n. 1183 del 16 gennaio 2012)

Issa mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta indubitat u mhux ikkontestat illi il-kongungiment karnali sehh bl-appellant ighid illi fil-fatt kien hemm rapporti sesswali bejnu u bejn A. Il-kontestazzjoni tezisti biss fir-rigward tal-presenza o meno tal-kunsens tal-vittma fil-mument li sehh l-att inkriminatorju u allura jekk kienx jezisti wiehed mill-elementi legali sabiex jissussiti r-reat tal-istupru b'dan il-kaz jirrisolvi ruhu dwar jekk ghandhiex tapplika l-presunzjoni legali stabbilita fl-artikolu 201(b) sabiex b'hekk jikkonfigura l-element tal-vjolenza.

Illi kif inghad l-appellant jattakka l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemHa u jishaq illi qatt ma setghet tinstab htija iktar u iktar meta l-prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi kollha, kemm favur kif ukoll kontra l-akkuzat kif titlob il-ligi. Jishaq illi kien hemm evidenza determinanti sabiex huwa jigi ezonerat mill-htija, li l-prosekuzzjoni naqqset li iggib 'il quddiem. Dawn il-provi kienu fil-fehma tieghu jikkorroborraw il-verzjoni tieghu tal-fatti.

Issa ibda biex jinghad illi l-appellant ghazel li ma jiehux il-pedana tax-xhieda, kif *del resto*, kellu kull dritt li jaghmel. Illi allura l-verzjoni tieghu tal-fatti tohrog mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija meta gie arrestat fil-21 ta' Mejju 2011.

Illi minn ezami ta' din il-verzjoni tal-fatti u dik moghtija mill-vittma A, jirrizulta qbil f'dak kollu li sehh kemm qabel kif ukoll wara l-att sesswali inkriminatorju. Illi madanakollu ma hemmx qbil dwar dak li sehh meta l-vittma u l-appellant marru fir-residenza tieghu gewwa l-Qrendi, fejn ghalkemm it-tnejn ighidu li hemmhekk komplew jixorbu l-inbid, madanakollu filwaqt li il-vittma tishaq illi hija bdiet thossha ghajjiena u storduta wara li xorbot l-inbid li offrielha l-appellant minn flixkun li kien miftuh u li hu hareg mill-*fridge*, u li minn dan il-mument intillfet minn sensieha, l-appellant jichad dan kollu. Jirrizulta madanakollu skont il-

verzjoni tal-appellant illi A verament kienet qed thossha ghajjiena u storduta wara li xorbot l-inbid, tant illi huwa offrielha li timtedd fuq is-sodda tieghu u ighid li fil-fatt kellu ighinha sakemm wasslet sas-sodda. Mhux biss izda jishaq illi ftit wara hija raqdet. Wara ftit, l-appellant dehrlu li kellu izomm kumpanija lil din it-tfajla fuq is-sodda u allura imtedd ma genbha u dan dejjem skont il-verzjoni tieghu tal-fatti.

Illi il-Qorti ma tistax ma tqiesx l-imgieba tal-appellant bhala wahda li kellha l-ghan uniku li japproffita ruhu minn din it-tfajla anke jekk kellha titwemmen il-verzjoni tieghu tal-fatti u dan ghaliex ma tistax tara mottiv iehor li seta' iwassal lill-appellant jintefa' fuq is-sodda hdejn tfajla rieqda meta din ma kenitx stedintu precedentement ghall-ebda intimita' sesswali, ghajr dak li ikollu x'jaqsam maghha. Jishaq illi imbaghad kienet din it-tfajla li bdiet tipprovokah u tqanqallu l-istinti sesswali tieghu, tant illi allura huwa fehem illi din riedet rapport sesswali mieghu u fil-fatt huwa akkomodaha.

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi qajla tista' temmen din il-verzjoni tal-fatti. Huwa evidenti mill-imgieba tal-vittma illi l-ammont ta' alkohol li kienet ikkunsmat kien tali illi l-kapacitajiet mentali taghha kienu gew kompromessi. Il-vittma tghid illi hija intilfet minn sensieha, filwaqt li l-appellant ighid li hija gharrfitu li kienet ghajjiena u offrielha biex timtedd fuq is-sodda fejn ghena biex tasal, u fil-fatt raqdet. Illi f'dawn iz-zewg verzjonijiet ghalkemm ma hemmx qbil dwar id-dinamika tal-fatti, madanakollu hija il-fehma ta' din il-Qorti illi ghall-appellant kellu jkun evidenti illi din it-tfajla li huwa kien stieden ghandu d-dar ma kenitx f'posizzjoni taghti il-kunsens taghha ghal xi forma ta' rapport sesswali iktar u iktar meta matul il-jum kollu li kien qatta' maghha ma jidhirx illi din tatu x'jifhem illi xtaqet xi intimita' mieghu, ghal tal-inqas dan ma jirrizultax la mill-verzjoni li taghti t-tfajla u lanqas minn dik tal-appellant dwar dak li sehh matul il-gurnata

fejn hemm qbil bejniethom. L-appellant allura ma messu qatt approfitta ruhu minn din is-sitwazzjoni, izda mill-provi indizzjarji jidher illi kien ippreparat sewwa ghal din l-evenjenza, tant illi mhux biss stieden lill-vittma tieghu tikkonsma ammont ta' alkohol fil-hin li qatta' maghha, izda imbaghad stedinha d-dar tieghu b'intenzjonijiet ulterjuri, tant illi sahansitra kien anke armat b'*vibrator* fuq il-kommodina hdejn is-sodda lesta biex tintuza, kif fil-fatt ighid li ghamel.

Illi allura ghalkemm l-appellant jilmenta illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi li fil-fehma tieghu kienu determinanti sabiex isahhu il-verzjoni tieghu tal-fatti, din il-Qorti ma tarax kif dawn setghu jagevolawh b'xi mod. Ibda biex il-persuna ta' nazzjonalita taljana bl-isem ta' B li allegatament akkompanja lill-vittma l-isptar sabiex tigi medikament ezaminata, ma kienx prezenti ghall-event kriminuz, izda tkellem mal-vittma biss l-ghada fil-ghodu. Illi ma hux ikkontestat mill-vittma illi meta hija giet f'sensieha u tallbet lill-appellant iwassalha d-dar, ghalkemm tikkontendi li kienet ghada storduta, madanakollu tishaq illi kienet kapaci tqum fuq saqajha, timxi, tasal sal-vettura tal-appellant u tirkeb fiha sabiex hu iwassalha lura fil-lukanda fejn kienet soggjornata.  Illi allura din il-Qorti ma tara xejn inverosimili fil-fatt illi din it-tfajla ghaddiet ghaxar ewro lill-appellant meta waqaf biex jaghti id-diesel lill-vettura tieghu tant illi qaltlu biex iwaqqafha kantuniera 'il boghod mill-lukanda fejn allura hija wasslet hemmhekk bil-mixi. Kif lanqas tara xejn inverosimili fil-fatt illi l-appellant ghadda lil din it-tfajla d-dettalji personali tieghu billi fuq dan il-punt il-parti leza taqbel u tghid illi din il-karta fejn tnizzlu dawn id-dettalji remietha kif wasslet fil-lukanda.

Illi esposti dawn il-fatti probatorji allura din il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, iktar u iktar meta kellha ix-xorti tisma' lill-vittma tiddeponi u tosserva l-komportament taghha tul il-kors tax-xiehda, tant illi mis-sentenza appellata

jidher illi dan il-fatt kien wiehed determinanti sabiex giet emmnuta l-verzjoni tal-parti leza.

Illi maghdud dan u ezaminati l-atti mill-gdid l-aggravju marbuta mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.

Ikkunsidrat,

Illi jifdal biex jigu ezaminati l-aggravji imqanqla kemm mill-appellant kif ukoll mill-Avukat Generali marbuta mal-piena inflitta. L-appellant jishaq illi l-piena imposta fuqu kienet wahda eccessiva u ghalhekk qed jitlob temperament fl-istess. L-Avukat Generali minn naha l-ohra qieghed jitlob illi din il-Qorti tqies l-addebitu tar-recidiva li l-Ewwel Qorti erronjament astjeniet milli tiehu konjizzjoni tieghu billi sahhqet illi dan l-addebitu ma kienx gie moghti fl-akkuza intavolata kontra l-appellant.

Illi b'referenza ghal dan l-ahhar gravam, din il-Qorti tistqarr minnufih illi l-Avukat Generali ghandu ragun u li x'aktarx illi kien *lapsus* tal-Ewwel Qorti meta iddikjarat illi din l-akkuza ma kenitx giet moghtija fic-citazzjoni billi minn qari tal-istess huwa evidenti illi wara esposizzjoni tal-akkuzi hemm indikat hekk:

> **"Akkuzat ukoll talli rredna ruhu recediv b'sentenza tal-Qotri tal-Magistrati datata 09/10/2008, liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tigi mibdula."**

Fil-fatt meta l-Avukat Generali baghat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju fit-13 ta' April 2012 irrealizza li kien naqas milli jindika fl-istess id-disposizzjonijiet tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali tant illi permezz ta' notaipprezentata fid-19 ta' April 2012 huwa talab sabiex jissostitwixxi in-nota ta' rinviju b'ohra fejn hemmhekk gew indikati l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi.

Madanakollu billi iz-zieda fil-piena fil-kaz fejn huwa moghti dan l-addebitu hija wahda diskrezzjonali u billi fil-fehma ta' din il-Qorti il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li ghalkemm taqa' fil-parametri tal-ligi vigenti fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat[7], madanakollu mhijiex wahda li tqarreb lejn il-minimu, u tenut kont ukoll illi l-appellant ma jidhirx illi ghandu fedina penali allarmanti fejn il-vjolazzjonijiet tal-ligi huma *de minimis*, ma tqiesx illi l-piena erogata ghandha tigi mizjuda.

Illi fic-cirkostanzi allura din il-Qorti ma tqiesx illi l-piena erogata ghandha tigi varjata u kwindi l-aggravvju tal-appellant marbut mal-istess qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant, tilqa' dak tal-Avukat Generali, tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u it-tielet imputazzjonijiet minghajr l-aggravanti mahsub fl-artikolu 202 tal-Kodici Kriminali u fejn illiberatu mit-tieni akkuza, izda tvarjha fejn din astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-addebitu tar-recidiva, tiddikjara lill-appellant hati ukoll li huwa recidiv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, izda tghaddi biex tikkonferma l-bqija tas-sentenza u cioe' tikkonferma il-piena inflitta ta' hames snin prigunerija u il-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €3973.52 u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, liema hlas ghandu isir fi zmien sena dekoribbli mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

---

[7] L-artikolu 198 gie sostitwit permezz tal-Att XIII tal-2018